MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1209/2007

**Mirage Holdings Ltd (C 6808)**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil LL.D. u l-P.L. Liliana Buhagiar li b`digriet tal-21 ta` Novembru, 2007 gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-assenti Mario Scerri f`ismu proprju u esercenti n-negozju bhala The Housekeeper**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` Mirage Holdings Ltd.

1. Mill-1 ta` Jannar, 2007 is-socjeta` attrici bieghet u ikkonsenjat lill-Mario Scerri biss f`ismu proprju u esercenti n-negozju bhala The Housekeeper, merkanzija tal-valur ta` (Lm11,647.13) hdax il-elf, sitt mija u seba` u erbghejn

liri maltin, u tlettax il-centezmu, liema prezz ta` merkanzija baqa` ma thallasx mill-istess Mario Scerri;

2. Fuq dan l-ammont iddekorra l-imghax ta` (Lm1516.79) elf, hames mija u sittax il-lira maltija u disa` u sebghejn centezmu u wkoll dawn ma thallsux;

Talbu lil kuraturi deputati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

A. L-ammont ta` (Lm11,647.13) hdax il-elf, sitt mija u seba` u erbghejn liri maltin u tlettax il-centezmu, prezz ta` merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess Mario Scerri;

B. L-ammont ta` (Lm1516.79) elf, hames mija u sittax il-liri maltin u disa` u sebghejn centezmu bhala interessi li ddekorrew fuq l-prezz fuq imsemmi.

B`riserva tad-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti li tharrek lill-istess Mario Scerri ghal somom ohra minnu dovuti ta` merkanzija lilu mibjugha u konsenjata flimkien ma` huh Albert Scerri qabel l-1 ta` Jannar, 2007 u bl-ispejjez kontra l-intimati nomine inkluzi dawk tal-mandat ta` qbid kawtelatorju Nru 1647/07, li huma ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati.

L-esponenti m`humiex edotti mill-fatti u qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f`stadju ulterjuri.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-affidavits kollha esibiti.

Semghet lix-xhud prodott.

Rat in-nota a fol. 50 tal-process prezentata fit-8 ta` Ottubru, 2008 li biha s-socjeta` attrici rriduciet l-ammont pretiz ghall-Lm10931.49 oltre Lm1516.19 rapprezentanti imghax.

Ikkunsidrat illi mix-xhieda u dokumenti prodotti il-Qorti tinsab sodisfatta li s-socjeta` attrici verament ghandha tiehu l-ammont li qed tirreklama.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` (Lm12447.68) - €28995.29 (tmienja u ghoxrin elf, disgha mija u hamsa u disghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu).

Bl-ispejjez u imghaxijiet ulterjuri kif dedotti fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess intimat Mario Scerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------